MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 474/1999/1

**Anthony u Rose Micallef**

**vs**

**Oliver Cachia**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell propost mill-konvenut kontra l-provvediment tal-Qorti inferjuri tal-25 ta' Frar 2003 li permezz tieghu dik il-Qorti akkordat il-korrezzjoni mitluba fit-termini ta' l-Artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12. Fl-intier tieghu dan il-provvediment jaqra hekk:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat id-19 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi talbu korrezzjoni fl-avviz

odjern billi jissostitwixxu l-kliem "ma jeccedix l-ammont ta' Lm5,000", minflok il-kliem "ma jeccedix l-ammont ta' Lm500";

Rat ir-risposta tal-konvenut datata s-7 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha sostna li t-talba ta' l-atturi rikorrenti fuq sintetikament esposta ghandha tigi michuda stante li qed tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali ta' l-atturi rikorrenti;

Innotat li r-rapprezentant legali tal-konvenut intimat baqa' ma pprezentax ruhu ghall-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi tibdil fl-iskritturi gudizzjarji huma permissibbli fil-limiti ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12;

Illi sintetikament ir-rekwiziti li jridu jigu sodisfatti huma s-segwenti:

1. It-tibdil mitlub ma jbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni;

<u>jew</u>

2. It-tibdil mitlub ma jbiddilx l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi s-sustanza tal-kawza tkopri u tinkludi:

1. l-istitu legali indirizzat fl-avviz;

2. Il-qorti kompetenti biex tanalizzah;

Illi ovvjament, l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati huma biss riflessjoni tat-talbiet attrici kif originarjament proposti jew sussegwentement mibdula;

Illi l-procedura odjerna tirrizulta li gietipprezentata a cavallo ta’ diversi tibdiliet li sehhew f’dan l-ambitu tal-procedura;

Illi in effetti t-tibdiliet rikjesti kawza ta’ l-emendi ta’ l-1995, ma jeffettivawx is-sustanza tal-kawza la fil-meritu u lanqas fil-procedura;

Illi di piu’, l-ammont ta’ danni reklamat ghadu s’issa mhux maghruf stante li d-danni sofferti ghadhom ma gewx sostitwiti u kontijiet relattivi la gew imhallsa u wisq anqas gew ipprezentati ricevuti f’din il-procedura;

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 175 (1) tal-Kap 12, din il-qorti:

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti;

2. Tordna s-sostituzzjoni mitluba fis-sena illi l-ammont indikat fl-avviz li ta bidu ghall-procedura odjerna jigi sostitwit b’dak mitlub fl-imsemmi rikors u cioe’ ghall-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Bl-ispejjez provizorjament ghar-rikorrent;

4. Tordna l-prosegwiment tal-kawza.”

L-appellanti jikkritika dan id-digriet bl-aggravju li t-tibdil awtorizzat irrenda l-azzjoni attrici aktar gravuza fil-konfront tieghu;

Jinhass opportun illi preordinatament ghall-ezami ta’ dan l-aggravju jigu senjalati dawn l-aspetti rikavati mill-atti processwali:-

1. *Ex post facto* ir-rapport tal-perit tekniku (fol. 35) il-konvenut, permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri, issolleva l-inkompetenza “*ratione valoris*” tal-qorti (fol. 54).

Eccezzjoni din li giet respinta minn dik il-qorti bid-decizjoni taghha tat-12 ta’ Novembru 2002 (fol. 63);

2. Kien wara din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri u d-decizjoni dwarha li l-atturi pprezentaw rikors fid-19 ta’ Novembru 2002 (fol. 66) biex jitolbu l-korrezzjoni ta’ l-avviz promotur fis-sens li minflok il-kliem ma jeccedix l-ammont ta’ Lm500 jidhlu l-kliem ma jeccedix l-ammont ta’ Lm5000. Din it-talba giet opposta mill-konvenut (fol. 68);

3. Kif fuq manifest, bid-digriet precitat l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni kif dedotta. Hu proprju dan id-digriet li issa qed jigi attakkat mill-konvenut appellant;

Dan premess, din il-Qorti ghandha tiddeciedi jekk kienx proceduralment konsentit li tigi akkordata t-talba ta’ l-attur ghal tibdil fl-ammont tad-danni mitluba. Talba din li saret fit- termini ta’ l-Artikolu 175 (1) tal-Kodici ta’ Procedura u wara l-emenda bl-Att VI ta’ l-2001 ghal dak il-Kodici li permezz taghha giet estiza l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex tkopri pretensjonijiet sa l-ammont ta’ hamest elef lira [Artikolu 47 (1)];

B’ introduzzjoni ghall-materja hawn konsiderata din il-Qorti thoss li jkun xieraq li taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

1. Skond principji mhux kontrastati ligijiet godda ta’ procedura jidhlu ghall-applikazzjoni immedjatament meta ma jkunx hemm disposizzjoni kuntrarja. Ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 511; “Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine* -vs- Angelo Xuereb *nomine et*”**, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997;

2. Huwa assodat illi l-legislazzjoni u l-gurisprudenza ilhom progressivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv, fonti ta’ litigi zejda u prokrastinazzjonijiet inutili basta ovvjament ma tirrizultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi. Dan jitnissel minn bosta gudikati. Ara **Kollez. Vol. X P I p 1;**

**Vol. XVII P II p 26; Vol. XXVI P I p 424** fost bosta ohrajn;

3. B’ dan il-hsieb ukoll li spiss drabi, fejn jokkorri, u basta li ma jsirx tibdil sostanzjali fit-talba, il-Qrati rrikorrew ghall-applikazzjoni tat-teorija tal-“*jus superveniens*” bhala dik li “*firmat actionem vel exceptionem*”. Dan partikolarment biex tigi evitata r-riproposizzjoni tad-domanda, jigi sedat il-kuntrast u b’ hekk jigi ezawrit ir-rapport processwali. Ara **Mortara**, “Commentario del Codice e Delle Leggi di Procedura Civile”, Vol. II para. 473); “**Mary Calleja Urry *et* -vs- Alfred Camenzuli**”, Appell Civili, 26 ta’ Marzu 1991;

4. Importanti li jigi notat ukoll illi skond l-Artikolu 171 (1) tal-Kapitolu 12 il-qorti ta’ gurisdizzjoni civili ta’ sede inferjuri mhix marbuta bil-kawzali ta’ l-avviz. Ara “**Francis Fenech -vs- Joseph Restall *et***”, Appell, Sede Inferjuri, 29 ta’ Marzu 1982;

5. B’ effett ta’ l-emendi introdotti bl-Att XXIV ta’ l-1995, it-termini ta’ l-Artikolu 175 tal-Kodici ta’ Procedura huma issa ferm aktar wiesgha minn kif kienu qabel dawn l-emendi. Ara “**Magistrat Dottor John Formosa LL.D. *et* -vs- Joseph Fenech**”, Appell, 4 ta’ Dicembru 1995;

Issa l-Artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12, kif emendat jipprovvdi dan:-

“Il-qorti tista’, f’ kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta’ wahda mill-partijiet, wara li tisma’ meta mehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta’ wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahlu hwejjeg ohra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddelx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kaz.”

Jemergu minn dan id-dispost tal-ligi dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(a) Hu permess tibdil fl-iskritturi. F’ dan il-kaz l-atturi talbu s-sostituzzjoni ta’ l-ammont originarjament indikat minnhom bhala danni. Imkien ma ntalbet modifika jew sostituzzjoni minhabba konsiderazzjoni gdida ta’ dritt. Ifisser ghalhekk li l-korrezzjoni mitluba ghandha tigi valutata fil-qafas ta’ l-istess konsiderazzjoni ta’ dritt kif premessa fit-talba originali. Talba konducenti ghall-hlas tad-danni minhabba xoghlijiet f’ bini vicin appartenenti lill-konvenut baqghet immutata;

(b) Hu veru li l-ligi tponi limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti li takkorda l-korrezzjoni fejn din tkun tolqot fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kaz, F’ dan il-kaz, pero` kif gja osservat, it-talba primarja ta’ l-atturi kienet u baqghet l-istess. Kwantu ghall-eccezzjoni din ukoll tissokta tregi billi d-difiza dwar l-eccessivita` ta’ l-ammont reklamat ma giet bl-ebda mod modifikata bil-fatt tat-talba korrettorja taz-zieda fil-kwantum tad-danni;

Kaz analogu ghal dak hawn trattat insibuh fis-sentenza fl-ismijiet “**Joseph Debono *nomine* -vs- Albert Muscat**”, Appell Civili, 9 ta’ Marzu 1993. Jigifieri qabel l-emendi legislattivi ghall-Kodici ta’ Procedura ta’ l-1995. F’ dik il-kawza s-socjeta` attrici kienet ukoll talbet korrezzjoni fis-sens li jigi mizjud l-ammont mitlub u ntiz li jkun kanonizzat. Intqal fiha a propozitu illi:-

(a) Il-kawzali fic-citazzjoni ma gewx mibdula;
(b) Is-sustanza ta’ l-eccezzjoni dwar iz-zamma ta’ prezzijiet esagerati ma nbiddletx u allura l-konvenut anqas ser ikollu bzonn ibiddel jew izid ma’ l-istess eccezzjoni;
(c) Ghalkemm hu veru li r-rikors kontenenti t-talba ghall-korrezzjoni gie pprezentat wara l-prezentata tar-rapport, u kwindi fl-istadju finali tal-kawza, pero` b’ daqshekk ma sar xejn kontra dak li hemm provvdut fl-Artikolu 175. Dan ghaliex skond dak l-artikolu l-Qorti tista’ tordna tibdil fl-

iskrittura f' kull waqt tal-kawza basta dan ikun qabel is-sentenza;

Dan affermat, fil-hsieb ta' din il-Qorti, il-principju applikat fil-kaz in ispecja hu gust u sewwa. Dan anke ghaliex, fil-verita`, il-korrezzjoni awtorizzata ma tistax titqies ta' natura tali li tippregudika l-interessi jew id-difiza tal-konvenut appellant;

Bir-rispett kollu, imbaghad, din il-Qorti ma tarax f' hiex jiccentra d-dispost tal-Artikolu 213 tal-Kapitolu 12. Hemm il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni quddiem qorti ta' kompetenza nferjuri illi ma huwiex ta' ostakolu l-fatt illi fejn dik il-Qorti tirriskontra dritt divers minn dak li ghalih saret it-talba din tista' tiddeciedi fuq dak id-dritt li jkun hekk jirrizultalha fuq l-istess citazzjoni. Fil-kaz in ezami il-jedd pretiz, anke bil-korrezzjoni, ma jezorbitax mit-talba kif dedotta; anzi, id-definizzjoni tal-kwestjoni tikkoncerna proprju dak l-istess jedd kif koncepit u tendenti ghar-rizarciment tad-danni. L-iskop ta' dak l-artikolu, kombinat ma' l-Artikolu 171, hu mahsub biex juri illi "*trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge è meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse stata introdotta in una Corte superiore; basta una espressione dell' attore in qualunque forma intelligibile*" (**Kollez. Vol. XII pagna 31; Vol. XXIV P I p 615**). Kif gja inghad d-domanda f' dan il-kaz hi wahda cara - dik ghall-hlas tad-danni subiti - u mhux il-kaz, fuq l-atti attendibbli illi jista' jkun jezisti xi jedd iehor divers minn dak ta' din l-istess domanda.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma d-digriet moghti. Tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti biex il-kawza tigi trattata u deciza fil-meritu. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------